**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 122 – IL-ĦAMIS, 06 ta' MEJJU 2019 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Laqgħa numru 122 li saret fil-25 ta' April 2019 ġiet iddikjara nulla peress li ssejħet wara 15-il minuta li ħarġet l-agenda. Is-Sindku ilmenta li hu kien ipprova jitlob assistenza mid-DLG permezz ta' telefonata lid-Direttur Ġenerali. Din ma kinitx xi mossa għax kien hemm preċedent. Fil-passat, mas-segretarju preċedenti kienet issejħet laqgħa b'urġenza bħal din, u dik ma kinitx ġiet iddikjarata nulla.

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 119**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti, Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 120**

2.1 Ma kienx hemm kworum għal din il-laqgħa.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 121**

3.1 Ma kienx hemm kworum għal din il-laqgħa.

## 4 Pagamenti

**Numru 106**

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar ix-xogħol li qed isir mill-kuntrattur tal-ġonna u soft areas. Ġie innutat li hemm ħafna postijiet li hemm ħafna ħaxix, u nuqqas ta tħawwil ta' fjuri, nuqqas ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol u nuqqas ta' superviżjoni skont kif jitlob il-kuntratt. Għal din ir-raġuni, pagament numru 18 ta' Premier Business għandu jiġi sospiż. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**Numru 107**

4.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti, Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jiġu approvati żewġ pagamenti oħra dik tar-Red Cross għal 280 Ewro kif ukoll dik tal-Kulleġġ Santa Clara għal 80 Ewro. Kien hemm qbil ukoll li jiġui approvat il-petty cash għax-xahar ta' April.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Ġiet innutata l-firma tal-ftehim bejn il-Kunsill u l-Kumpanija V Squared, liema ftehim ser igawdu minnu r-residenti kollha ta' San Ġwann.

5.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem fl-inizjattiva ta' Heritage Malta bl-iskema għall-anzjani.

5.3 Kien hemm qbil li l-qanpiena li ser issir fuq l-Kappella ta' Santa Margerita tiġi inawgurata il-Ħadd, 19 ta' Mejju 2019.

5.4 Dwar ix-xogħlijiet li qed isir fil-Ġnien Karin Grech, kien hemm qbil issir plakka bl-isem tal-ġnien u meta nfetaħ. Dan għandu jiġi inawgurat kif jitlestew ix-xogħlijiet.

5.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-vettura tal-Kunsill ġiet milquta mal-lejl bejn it-18 u id-19 ta' April 2019 meta dan kien ipparkjat. Dan l-inċident għal din il-vettura mhux operabbli. Kien hemm qbil li għandha tinkera vettura oħra sakemm tinxtara vettura oħra. Kien hemm qbil li għandhom jinxtraw żewġ vetturi, waħda biex tintuża għal xogħlijiet u l-oħra biex jinġarru residenti u anzjani.

5.6 Kien hemm qbil dwar Ċirkolari SPI 7/2019 li l-Kunsill għandu japplika gġal fondi biex issir sistema ta' irrigazzjoni fil-masġar taż-żebbuġ.

5.7 Kien hemm qbil li napplikaw għall-iskema Għaqal id-Dar.

5.8 Kien hemm qbil li jitqabbad servizz extra minn Owen Borg għal tindif extra.

5.9 Kien hemm diskussjoni dwar is-servizz tal-ġonna u soft area. Kien hemm konsensus li s-servizz iddeterjora u ma kienx qed ikun hemm xogħlijiet ta' ħart, żbir, u lanqas tħawwil ta' fjuri kif ukoll ħafna ħaxix ħażin mhux qed jinqata', speċjalment fil-masġar taż-żebbuġ . Kien hemm ilment ukoll li fis-softareas fi Triq Akaċja, kien hemm ħafna ħaxix ħażin. Ma kienx qed ikun hemm ħaddiema skont il-kuntratt u lanqas superviżjoni. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil unanimu li jitwaqqaf dan il-kuntrattur u jitqabbad wieħed b'servizz ta' emerġenza sakemm terġa' tinħareġ sejħa pubblika oħra.

## 6 Korrispondenza

6.1 Ġiet innutata l-korrispondenza dwar il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża.

6.2 Ġiet innutata l-korrispondenza mill-GreenPak dwar il-premju Most Supportive Locality Award.

6.3 Kien hemm diskussjoni dwar il-kwotazzjoni għal tabella ta' informazzjoni mal-erba' kappelli fil-lokal. Kien hemm qbil li tiġi aċċetta l-kwotazzjoni.

6.4 Kien hemm qbil li jinkera cherry picker biex isir it-tiżjin neċessarju mill-Għaqda Festa Esterna.

6.5 Ġiet innutata korrispondenza minn resident minn Triq tal-Ibraġ. Dan talab biex issir sleeping policeman f'din it-triq. Wara numru ta' kunsiderazzjonijiet, kien hemm qbil li din għalissa ma ssirx.

6.6 Kien hemm qbil li nieħdu sehem fl-Ispring Fair li ser issir fl-iskola fil-5 ta' Mejju 2019 u nipprovdu l-First Aid u l-Magician.

6.7 Kien hemm qbil li jinxtraw aktar vouchers għal cat neutering.

.

## 7 Affarjiet oħra

7.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem dwar il-pjanta li hemm fuq embellishment li ser issir f'sit fi Triq il-Kampanella. Kien hemm qbil li din is-sit titnaddaf u jibdew ix-xogħlijiet. Hu informa lil kunsill ukoll li kien hemm numru ta' tabelli imdawwrin u dawn ġew irranġati.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet dwar iz-zebra crossing li saret fi Triq Bella Vista. Hi lmentat li din saret mingħajr il-kunsens tal-Kunsill u meta saret kellha tinqala' minħabba li ma kinux saru x-xogħlijiet tad-dawl. Din saret mingħajr ma hemm aċċessibbiltà ta' wheelchair hekk kif titlob il-liġi.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet dwar bankina fi Triq Felice Borg. Għandha issir site visit.

7.4 Dwar Mertu San Ġwann, is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet lis-Sur Chris Colombo u s-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet lis-Sur Lyden Debono. Kien hemm qbil unanimu fuq iż-żewġ proposti. Dawn għandhom jiksbu profil tal-persuni magħżula.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |